# L-Istorja tal-Għaqda Banda Żejtun






**Is-Sur Francis Galea**
**Awtur tal-ktieb Miż-Żejtun l-Għaqda Banda Żejtun**

Qatt ma bsart li kelli nidħol daqstant fil-fond dwar l-istorja ta' soċjetajiet partikulari. Fir-riċerka tiegħi kont ktibt dwar diversi għaqdiet, fosthom l-Għaqda Proletarja Maltija tas-snin 1926-1933. Din l-għaqda kellha tneħħi l-kelma Proletarja u minflok iddaħħal il-kelma Soċjalista. Kien studju li għaddieni minn esperjenza sabiħa li r-riżultat tagħha ħareġ fil-ktieb *Is-Sedizzjoni*. Imbagħad, ġiet il-kitba u r-riċerka dwar is-soċjetajiet filarmoniċi li taf tkun waħda siewja minħabba li timbuttak fil-qalba tas-soċjetà ta' raħal jew belt partikulari. Hawn ukoll insibu għadd ta' soċjetajiet li kellhom jibdlu isimhom, fosthom dawk tal-bidu li kienu jġibu l-isem tar-raħal tagħhom. U interessanti ferm ukoll li qabel l-1883 ma nsibu l-ebda banda b'isem ta' qaddis jew qaddisa.

Fl-aħħar snin ħriġt żewġ kotba f'dan il-qasam li kienu ***Ħal Luqa u l-Banda tagħha l-Unjoni*** u ***Belt u Banda De Rohan***. It-tnejn kellhom id-diffikutajiet tagħhom għaliex fejn fl-ewwel ktieb kelli mmur lura lejn l-1880, jiġifieri 125 sena, fit-tieni wieħed ridt infittex sa mill-1860, jew aħjar 150 sena lura, u allura fis-sena li fiha twieldu l-baned. Żmien li fih dawn l-għaqdiet ma kellhomx il-kumitati organizzati. Lanqas ma kellhom segretarji li kienu jiktbu d-dettalji tal-ġrajjiet u l-attivitajiet li ħadu sehem fihom. Fil-fatt fost l-ewwel dokumentazzjoni li aktarx insibu fl-aktar soċjetajiet antiki, huma r-reġistri tal-kaxxiera li fihom kienu jżommu d-dħul u l-ħruġ tal-finanzi.

Meta ġejt biex nidħol għax-xogħol ta' riċerka li minnu ħareġ il-ktieb ***Miż-Żejtun: L-Għaqda Banda Żejtun***, l-istorja kellha tkun mod ieħor. Minbarra l-għadd ġmielu ta' nies li għadhom ħajjin u allura jiftakru sew bosta mill-ġrajjiet, kellna l-opportunità li niftħu l-pitazzi, li fihom hemm miktuba l-minuti tal-ewwel laqgħat li welldu lil din is-Soċjetà. Dakinhar, fil-jum tat-18 ta' April 1927 ħadu sehem disa' min-nies, u f'dik il-laqgħa nħatru l-uffiċjali. Hekk, *President* sar is-Sur Nicola Attard, *Viċi President* M. Caruana, *Segretarju* G. Zammit u *Viċi Segretarju* B. Magro. Il-membri l-oħra kienu C. Tabone, A. Caruana, C.M. Caruana, O. Bugeja u C. Vella. Ir-raġuni ewlenija ta' dan il-grupp kienet waħda politika u nsibu li kellhom jaraw min huma dawk li kienu intitolati li jkollhom vot, iżda baqgħu mċaħħda minnu. U hekk jgħinuhom jiksbu d-dritt li jivvutaw fl-elezzjoni li kellha ssir dik is-sena stess.

Din kienet kontinwazzjoni ta' storja li bdiet fl-1922. Grupp ta' rġiel miż-Żejtun kellu jkun l-ewwel wieħed li sawwar kumitat tal-Partit tal-Ħaddiema lil hinn minn dak ċentrali fil-belt Valletta. Warajh iffurmaw kumitati oħrajn li bdew jissejħu Kumitati Distrettwali. Għal xi raġuni, waqt ir-riorganizzazzjoni tal-Partit tal-Ħaddiema fl-1925, dan il-kumitat beda jnaqqas mill-attività. F'laqgħa li nżammet nhar it-22 ta' Marzu ftehmu li jqassmu l-£1.10s3d bejn l-erbatax-il soċju-sostenitur waqt li jroddu ċ-ċwievet u l-każin jingħalaq nhar it-30 ta' April 1925. Dak iż-żmien il-President kien ukoll is-Sur Nicola Attard.

Fit-tielet laqgħa tal-Kumitat il-ġdid tal-Partit tal-Ħaddiema li nżammet nhar it-18 ta' Mejju 1927 ġie deċiż li tintbagħat il-lista tal-Kumitat Distrettwali sabiex ikun



Labour Jazz Band. 1928

Salvu Abela. Toni Caruana. Guzeppi Abela Consilio Cassar. Carmelo Camilleri.
Salvu Pace. Gaetano Gauci. Censu Caruana. Toninu Zammit. Guzeppi Zahra.
Karmenu Grima. Manuel Borg. Karmenu Gafa. Guzeppi Bartolo. Guzeppi Dimech.



Is-Sur Godfrey Grima, u l-awtur is-Sur Frans Galea u s-Sur Alfred Palma jagħmlu id-diskors tagħhom waqt it-Tnedija tal-Ktieb.

rikonoxxut mill-Kumitat Ġenerali tal-Partit. Minn dan naraw li l-istorja tal-Għaqda Banda Żejtun kellha l-bidu tagħha mill-fergħa politika tal-Kumitat Distrettwali Żejtun tal-Partit tal-Ħaddiema. F'Awwissu 1927 dan il-Kumitat kiteb lis-soċjetajiet l-oħra fiż-Żejtun sabiex ilkoll flimkien jiċċelebraw il-festa nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Ġara iżda, li bosta ma ridux waqt li min aċċetta fl-aħħar ma żammx kelmtu. Meta ra dan kollu, il-Kumitat Distrettwali Żejtun fil-laqgħa tas-27 ta' Awwissu qatagħha li għandu jieħu l-inizjattiva taċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa waħdu.

Dan kien il-bidu, imbagħad fil-laqgħa tal-Kumitat tas-16 ta' April 1928 saret proposta biex titwaqqaf *Jazz Band*. Il-ħmistax-il bandist li kellhom l-opportunità li jkunu fost tal-bidu fit-tiswir tal-*Labour Jazz Band* insibu lil Salvu Abela, Ġużè Abela, C. Cassar, K. Camilleri, Salvu Pace, Toni Caruana, C. Caruana, Ġużè Zahra, Karmnu Grima, Manwel Borg, Karmnu Gafà, Ġużè Bartolo, Gejtu Gauci, Ġużè Dimech u T. Zammit. Bħal kull soċjetà oħra, dan il-Kumitat kellu wkoll lil Dun Manwel Camilleri bħala Direttur Spiritwali. Fis-seduti tal-24 u 29 ta' Mejju 1933, is-Sur Ġużeppi Attard ressaq petizzjoni biex il-banda tinqata' mid-*Dar tal-Ħaddiema*, u ftit wara bdiet tissejjaħ *Żejtun Band*.

Fil-ktieb ***Miż-Żejtun: L-Għaqda Banda Żejtun*** insibu dan it-tagħrif sabiex nidħlu fil-ġrajja ta' kif twieldet il-*Jazz Band*, u aktar wara nbidlet f'Banda u ħarġet iddoqq għall-ewwel darba fl-1933. Bħala awtur ta' dan il-ktieb kont nonqos kieku tajt biss l-istorja tal-Għaqda. Nemmen li l-ebda Għaqda ma tista' tgħix waħidha. Anzi t-tlugħ u l-inżul, is-sabiħ u l-ikraħ, is-suċċess u l-qtugħ ta' qalb jiddependi mis-soċjetà li tkun qed tgħix fiha f'dak iż-żmien partikulari. Għalhekk insibu li jekk is-soċjetà tkun għaddejja minn żminijiet diffiċli, b'nuqqas ta' xogħol u emigrazzjoni bħalma ġara fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu li għadda, l-Għaqda titlef ukoll kemm mill-aspett finanzjarju kif ukoll mir-riżors ewlieni tagħha, dak ta' soċi u bandisti.

Fl-ewwel żewġ kapitli tal-ktieb tajna ħarsa lejn it-twelid u l-formazzjoni taż-Żejtun, kif sar belt, kif ħa l-isem, it-twelid tal-parroċċa, il-qagħda soċjali, u l-festa titulari ta' Santa Katarina. Imbagħad, minn kapitlu tlieta ngħaddu biex nuru l-ħeġġa ta' dawk il-pijunieri-fundaturi li ħadmu biex taw bidu għat-tieni banda filarmonika fiż-Żejtun. Nanalizzaw id-diffikultajiet u l-problemi li nqalgħu, iżda fuq kollox inħossu wkoll id-determinazzjoni ta' dawk li ħadu l-magħmudija tad-demm biex raw din il-banda tieħu l-post li jixirqilha fir-raħal tagħhom.

Minbarra l-esperjenzi iebsa u kiefra tas-snin tletin, dejjem tas-seklu li għadda, bħal bosta baned oħrajn raw in-niket u l-periklu tat-tieni gwerra dinjija jrażżan l-iżvilupp filarmoniku. U meta għadda dan, kellhom iħabbtu wiċċhom mal-għaks u t-tbatijiet tas-snin ħamsin. Iżda wara, b'għaqal kbir u b'għajnuna bla kejl tal-President tagħhom, mhux biss kisbu proprjetà f'post prominenti fil-pjazza, iżda wkoll ġnien kbir li fih bnew teatru.

Bl-inizjattiva ta' bosta nies oħrajn, b'mod partikulari tal-President Joseph Attard, l-Għaqda Banda Żejtun imxiet 'il quddiem u kienet katalista f'ħafna ħwejjeġ u attivitajiet ġodda. Fost dawn insibu l-impenn kbir fis-suċċessi miksuba fil-karnival u ċ-ċaqliq tal-festa ta' Santa Katarina minn Novembru għal Ġunju. Dan u ħafna aktar tagħrif dokumentat ġie ppreżentat f'kapitlu sitta li huwa wkoll mimli ritratti li jfakkru dawn il-ġrajjiet. Ġrajjiet, li bħal oħrajn qabilhom u dawk li ġew warajhom issuktaw isawru l-istorja ta' Għaqda Mużikali bl-għadd ta' surmastrijiet, bandisti, soċi u attivisti li kull wieħed bil-mezzi tiegħu jew tagħha ħadmu ħa jmexxu 'l quddiem din il-banda.

Għalhekk, din hija storja mhux biss ta' Għaqda ta' Banda, iżda wkoll ta' Għaqda ta' nies ħabrieka u kreattivi li għarfu u għażlu jżewqu u jżewġu flimkien id-diversi branki tal-arti. Nies determinati li b'mod volontarju taw ġieħ lill-attivitajiet soċjali tar-raħal u tal-pajjiż, lill-festa tar-raħal, lill-Patruna u lill-patrimonju kulturali u artistiku Żejtuni. U dan sar għaliex l-anzjani fi ħdan din is-soċjetà dejjem ħadmu u għaddew il-kisbiet liż-żgħażagħ. B'hekk l-istorja baqgħet tintiseġ u tiżżewwaq. L-istorja li qed inġeddu u niktbu ta' kuljum hija t-tkomplija ta' ħidmet il-grupp ta' pijunieri li flimkien qadfu għalenija u ġġieldu kontra l-irwiefen kollha sa ma twaqqfet l-*Għaqda Banda Żejtun* li din is-sena, l-2011 qed tfakkar is-78 sena mit-twaqqif tagħha.

